



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 5.9.2012
SWD(2012) 253 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill
dwar il-Validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali

{COM(2012) 485 final}
{SWD(2012) 252 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-Validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali

Din il-valutazzjoni tal-impatt takkumpanja l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-bidliet ekonomiċi u teknoloġiċi mgħaġġlin, flimkien ma' żieda fit-tranżizzjonijiet bejn ix-xogħlijiet qed iġiegħlu lill-individwi jiksbu kwalifiki oġhla u ħiliet aktar ġeneriċi. F'dan il-kuntest is-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-kwalifiki jeħtieġ li jirrikonoxxu l-firxa sħiħa tal-esperjenzi tat-tagħlim (formali, mhux formali u informali) permezz ta' approċċ ta' riżultati tat-tagħlim. Dan jista' jsir permezz tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali Din l-inizjattiva hija kumplementari għar-Rakkomandazzjoni dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) tal-2008, li permezz tagħha ġie adottat dan il-prinċipju.

Il-validazzjoni tal-esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali għandha ħafna benefiċċji għal:

- Individwi: impjegabbiltà mtejba, prospetti aħjar ta' karriera, pagi oġhla, it-tieni ċans għal min ma jlestix l-istudji tiegħu, aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali, aktar motivazzjoni għat-tagħlim u fiduċja akbar tal-persuna fiha nnifisha;
- L-ekonomija: popolazzjoni b'ħiliet aħjar, tlaqqiġ aħjar tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, trasferibbiltà tal-ħiliet bejn il-kumpaniji u s-setturi u aktar mobbiltà fis-suq tax-xogħol Ewropew, fatturi li kollha jikkontribwixxu għal ekonomija Ewropea aktar kompetittiva u aktar tkabbir ekonomiku;
- Is-soċjetà b'mod ġenerali; popolazzjoni u forza tax-xogħol bi kwalifiki aħjar, aċċess imtejjeb biex wieħed ikompli jitgħallem għal gruppi żvantaġġjati u suq tax-xogħol aktar inklussiv.

Il-valutazzjoni tal-impatt iddefinixxiet żewġ problemi prinċipali li għandhom jiġu indirizzati:

- (1) L-opportunitajiet ta' validazzjoni huma limitati u ma tantx jintużaw fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Skont l-aġġornament tal-2010 tal-Inventarju Ewropew dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, Ċipru, il-Greċja u l-Ungerija fitit li xejn joffru possibbiltajiet għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. Reċentement, il-Bulgarija, il-Latvja, Malta u l-Polonja ħadu passi biex iwaqqfu sistemi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, iżda s-sistema ta' validazzjoni nnifisha f'dawn il-pajjiżi għadha fil-fażi inizjali tagħha. Fl-Awstrija, il-

Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Italja, l-Irlanda, il-Litwanja, is-Slovakkja u s-Slovenja jeżistu sistemi ta' validazzjoni f'settur wieħed jew aktar, u dawn jintużaw biss minn għadd żgħir ta' individwi. Barra minn hekk, fil-pajjiżi b'sistema ta' validazzjoni aktar żviluppata bħal pereżempju d-Danimarka, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit ir-rata ta' użu tal-validazzjoni għadha pjuttost limitata.

Minħabba opportunitajiet ta' validazzjoni limitati u mhux sfruttati, il-ħiliet jibqgħu inviżibbli u l-potenzjal sħiħ tagħhom ma jiġix kompletament sfruttat għall-benefiċċju tal-individwi, tal-ekonomija u tas-soċjetà inġenerali.

Tliet fatturi għad-disponibbiltà u l-użu limitati tas-sistemi ta' validazzjoni huma n-nuqqas ta' fiduċja fis-sistemi, il-proċessi u r-riżultat tal-validazzjoni (ikkonfermat mill-konsultazzjoni pubblika li saret minħabba din l-inizjattiva), l-għarfien baxx dwar il-possibbiltajiet ta' validazzjoni f'pajjiżi fejn fil-fatt jeżistu opportunitajiet ta' validazzjoni (ikkonfermat ukoll mill-konsultazzjoni pubblika) u ostakoli ta' kultura u attitudni għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali. L-ewwel żewġ fatturi huma indirizzati minn din l-inizjattiva.

- (2) Nuqqas ta' komparabbiltà u koerenza bejn l-approċċi ta' validazzjoni tal-Istati Membri. Id-disponibbiltà li mhix uniformi u d-differenzi eżistenti bejn il-politiki u l-prattiki nazzjonali ta' validazzjoni jnaqqsu l-komparabbiltà u t-trasparenza tas-sistemi ta' validazzjoni. Dawn jagħmluha diffiċli għaċ-ċittadini biex jikkumbinaw ir-riżultati tat-tagħlim miksubin f'kuntesti differenti, f'livelli differenti u f'pajjiżi differenti. Dawn joħolqu ostakoli għall-mobbiltà transnazzjonali ta' min ikun qed jitgħallem u tal-ħaddiema, fi żmien meta tali mobbiltà hija neċessarja biex ikun hemm aktar tkabbir ekonomiku.

L-Istrateġija Ewropa 2020 dwar it-tkabbir intelliġenti, inklussiv u sostenibbli, tenfasizza l-bżonn għal mezzi ta' tagħlim aktar flessibbli u tqis il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali bħala rekwiżit biex jinħolqu dawn il-mezzi. Il-validazzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-miri prinċipali tal-UE, kif inhuma definiti fl-Istrateġija Ewropa 2020 dwar it-tluq kmieni mill-iskola, il-kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja, it-tnaqqis tal-faqar u rata ta' impjiegi għolja.

2. L-ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETA

L-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedu li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità u timplementa politika ta' taħriġ vokazzjonali, billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun neċessarju, billi tappoġġja u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għal dak li hu kontenut tat-tagħlim u organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali.

Din l-inizjattiva tirrakkomanda linji ta' azzjoni li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri b'xi ftit appoġġ Ewropew. Din tipproponi azzjonijiet li jeħtieġ li jiġu implimentati fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. L-Istati Membri se jibqgħu kompletament responsabbli mit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti tagħhom (il-liġijiet, ir-regolamenti, il-ftehim kollettiv) għall-validazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim li jkun sar b'mod mhux formali u b'mod informali. Il-livell tal-UE se jipprovdi koordinazzjoni – inkluża, b'mod partikolari, koordinazzjoni bl-istrumenti Ewropej rilevanti – u appoġġ, pereżempju, bl-

organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari. L-azzjoni fiż-żewġ livelli hija kumplementari u l-prerogattivi tal-Istati Membri huma mħarsa.

3. L-GĦANIJET TAL-INIZJATTIVA

L-għanijiet ġenerali, speċifiċi u operattivi ta' din l-inizjattiva huma dawn li ġejjin:

L-għanijiet ġenerali:

- (1) Li ċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha jingħataw l-opportunità li jivvalidaw il-ħiliet li huma jkunu kisbu barra mis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali;
- (2) Li ċ-ċittadini jingħataw l-opportunità li jużaw il-ħiliet validati taġħhom għal skopijiet ta' xogħol u ta' taġħlim madwar l-Ewropa.

L-għanijiet speċifiċi:

- (1) Li jiġu implimentati sistemi għall-validazzjoni tat-taġħlim mhux formali u informali fil-livell nazzjonali li jkunu marbutin mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;
- (2) Li jiġi stabbilit livell xieraq ta' komparabbiltà u koerenza bejn is-sistemi nazzjonali ta' validazzjoni marbutin mal-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki.

L-għanijiet operattivi:

- (1) Li jiġu promossi l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, b'tali mod li l-kwalifiki jkunu jistgħu jinkisbu permezz ta' programmi formali kif ukoll permezz tal-validazzjoni tat-taġħlim mhux formali u informali;
- (2) Li jiġu stabbiliti mekkaniżmi għall-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ħiliet u valutazzjoni u validazzjoni ta' kwalità ta' dawn il-ħiliet li jkunu nkisbu permezz ta' taġħlim mhux formali u informali, bl-użu ta' strumenti Ewropej komuni bħall-Europass, l-ECTS, l-ECVET;
- (3) Li l-individwi jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddokumentaw il-ħiliet u l-kompetenzi taġħhom, mingħajr ma dan jirriżulta fi kwalifika formali;
- (4) Li jiġu estiżi u intensifikati l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn l-Istati Membri, b'appoġġ mill-attivitajiet bejn il-pari u għodod Ewropej ta' rappurtar;
- (5) Li l-persuni jsiru konxji mill-opportunitajiet ta' validazzjoni.

4. L-GĦAŻLIET TA' POLITIKA

L-Għażla 1 (xenarju ta' referenza)

Din l-għażla tikkonsisti mit-tkomplija tas-sitwazzjoni eżistenti, li tista' titqassar kif ġej:

- Il-validazzjoni tat-taġħlim mhux formali u informali titqies fil-politiki Ewropej li jirrigwardaw l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieġ, iż-żgħażaġh u ċ-ċittadinanza attiva;

- L-istrumenti Ewropej eżistenti, partikolarment ir-Rakkomandazzjoni dwar il-QEK, iħeġġu li jkun hemm il-possibbiltà tal-validazzjoni tal-esperjenzi miksubin minn tagħlim mhux formali u informali, mingħajr ma jindikaw kif dan għandu jsir;
- Il-prinċipji Ewropej Komuni dwar il-validazzjoni li ġew adottati mill-Kunsill fl-2004, il-linji gwida Ewropej dwar il-validazzjoni mis-Cedefop, kif ukoll il-fondi disponibbli mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Programm futur "Erasmus għal Kulħadd" u l-Fond Soċjali Ewropew, bħala għodod ta' appoġġ għall-politika u l-prattika tal-validazzjoni fl-Istati Membri se jibqgħu rilevanti;
- Il-validazzjoni hija parti mill-aġenda politika f'ħafna mill-Istati Membri, iżda hija implimentata b'mod komprensiv biss fi ftit Stati Membri;
- L-Istati Membri jaqsmu l-esperjenzi dwar il-validazzjoni skont il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (partikolarment fil-Grupp Konsultattiv dwar l-QEK).

L-Għażla 2 (Rakkomandazzjoni mill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-validazzjoni):

L-Għażla 2 tipproponi miżuri politiċi u Prattiki lill-Istati Membri, lill-partijiet interessati u lill-Kummissjoni f'forma ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif inhu mħabbar fl-inizjattivi prinċipali ta' Ewropa 2020 "Żgħażaġħ Mobbli" u "Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi". .

Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri jimplimentaw mekkaniżmi għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali marbutin mal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jinkludu mekkaniżmi li jiżguraw il-kwalità, jiffaċilitaw il-portabbiltà tar-riżultati tat-tagħlim bl-użu ta' għodod ta' dokumentazzjoni standardizzati, jgħarrfu lin-nies bl-opportunitajiet ta' validazzjoni, jiffaċilitaw l-aċċess għall-validazzjoni partikolarment għall-gruppi żvantaġġjati, jiżguraw gwida xierqa għall-individwi u fl-aħħar nett jipprovdu l-opportunità lill-individwi li jagħmlu verifika tal-ħiliet tagħhom fi żmien tliet xhur minn meta jiġi identifikat il-bżonn.

Ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza l-bżonn li jiġu involuti l-partijiet interessati tas-suq tax-xogħol (pereżempju, li jiġu dokumentati r-riżultati tat-tagħlim li jsir fuq il-post tax-xogħol), kif ukoll lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ (pereżempju, jingħataw l-opportunitajiet biex jinkiseb aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali) u t-tielet settur (pereżempju, l-NGOs/l-organizzazzjonijiet volontarji).

Ir-Rakkomandazzjoni se tkun ikkumplementata minn kooperazzjoni aktar intensiva dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali fil-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK eżistenti bħala struttura ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Kummissjoni taġġorna regolarment l-Inventarju Ewropew u l-Linji gwida Ewropej dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali u tappoġġja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni billi torganizza attivitajiet ta' tagħlim effettiv bejn il-pari.

Huwa mistenni li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi approvata fl-2012, bl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi proposti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni ssir mill-2013 'il quddiem.

L-Għażla 3 (Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni ġdid iffukat fuq il-validazzjoni mmirata lejn l-iżvilupp ta' Karta Ewropea ta' Kwalità dwar il-validazzjoni):

Fl-Għażla 3 l-Istati Membri se jaħdmu flimkien, b'Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) ġdid iffukat b'mod speċifiku fuq il-validazzjoni, bil-għan li jstabilixxu Karta Ewropea ta' Kwalità dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

Il-Karta Ewropea ta' Kwalità se tkun imfassla fuq dawn il-punti li ġejjin: proċeduri ta' validazzjoni ta' kwalità żgurata, standards ta' kwalità għall-valutaturi, gwida u għoti ta' pariri, aċċess għall-validazzjoni, involviment tal-partijiet interessati, gruppi fil-mira speċifiċi u dimensjoni Ewropea tal-validazzjoni.

Il-Karta Ewropea ta' Kwalità se tkun imsejsa kemm fuq inizjattivi Ewropej (pereżempju, linji gwida Ewropej u l-prinċipji Ewropej komuni dwar il-validazzjoni) u kemm fuq dawq nazzjonali (pubbliċi u privati) relatati mal-iżgurar tal-kwalità fil-qasam tal-validazzjoni. Karta Ewropea ta' Kwalità se tikkontribwixxi biex trawwem il-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-Istati Membri.

Il-proċess ta' MMK il-ġdid se jikkonsisti minn sett ġdid ta' mekkaniżmi ta' rappurtar mill-Istati Membri u monitoraġġ tal-progress mill-Kummissjoni. Huwa mistenni l-mekkaniżmi ta' MMK dedikati jiġu implimentati fl-2012 u jwasslu għall-approvazzjoni tal-Karta fl-2014. L-implimentazzjoni tagħha mbagħad issir mill-2015 'il quddiem.

5. IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Azzjoni xierqa mill-Istati Membri, permezz tal-istabbiliment ta' aktar opportunitajiet ta' validazzjoni, li jippermettu l-użu sħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi disponibbli, tista' tħalli impatti ekonomiċi u soċjali sinifikanti. Se jkun hemm biss impatti ambjentali limitati.

L-impatti soċjali, ekonomiċi u impatti oħrajn ġew eżaminati f'termini kwalitattivi abbażi tal-impatti possibbli, peress li m'hemmx dejta fattwali disponibbli. Għal kull wieħed mill-impatti possibbli sar tqabbil max-xenarju ta' referenza.

L-impatti ekonomiċi u soċjali l-aktar importanti jekk jiġu stabbiliti sistemi komprensivi ta' validazzjoni huma:

- Kontribut pożittiv għat- tkabbir ekonomiku u l-impjiegi permezz ta' użu aħjar tal-ħiliet disponibbli fis-suq tax-xogħol u permezz ta' żvilupp ta' aktar ħiliet;
- Aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol u tranżizzjonijiet aktar faċili fid-dinja tax-xogħol, permezz tal-inklużjoni tal-ħiliet kollha disponibbli fid-deċizzjonijiet ta' reklutaġġ u fil-bidliet okkupazzjonali;
- Aċċess imtejjeb għat- tkompliġa tat-tagħlim permezz ta' rikonossiment aħjar tal-esperjenzi ta' tagħlim minn qabel mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Informazzjoni aktar tajba dwar il-ħiliet disponibbli li jsiru aktar viżibbli grazzi għal aktar opportunitajiet ta' validazzjoni;
- Ħaddiema b'livell ogħla ta' edukazzjoni (kemm permezz tal-validazzjoni ta' ħiliet eżistenti u permezz ta' aċċess imtejjeb għat- tkompliġa tat-tagħlim);
- Possibbiltà ta' kondizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-individwi grazzi għal kwalifiki ogħla;

- Ugwaljanza u inklużjoni soċjali mtejbmin bil-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għall-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali għall-gruppi żvantaġġjati;
- Mobbiltà mtejba għall-ħaddiema madwar l-Ewropa, ta' benefiċċju għat-ħabbir ekonomiku.

Ir-realizzazzjoni tal-impatti mistennija se tiddependi fuq għadd ta' fatturi bħal pereżempju l-implimentazzjoni konkreta mill-Istati Membri tal-miżuri rakkomandati (l-Għażla 2) u l-mod kif l-Istati Membri effettivament se jaħdmu biex tiġi stabbilita Karta Ewropea ta' Kwalità dwar il-validazzjoni (l-Għażla 3). Ġie preżunt li s-sett ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri skont l-Għażla 2 se jkollhom effetti aktar immedjati fuq il-ħolqien tal-opportunitajiet ta' validazzjoni mill-MMK li ġie stabbilit reċentement skont l-Għażla 3, li ma jinkludix sett ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri.

L-iżviluppi kontinwi tal-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki se jibbenefikaw mill-miżuri proposti skont l-Għażla 2 li, fl-2013, diġà se nkunu nistgħu naraw riżultati konkreti tagħhom. L-effetti immedjati huma rilevanti wkoll biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020 fil-ħin u għalhekk l-impatti immedjati previsti rċevew punti oġħla mill-impatti previsti għat-terminu itwal.

L-ispejjeż reali tal-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' validazzjoni jiddependu fuq għadd ta' fatturi bħall-istat ta' tħejjija tas-sistema attwali (infrastruttura eżistenti: istituzzjonijiet, proċeduri u standards ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni), l-iskala tal-arranġamenti ta' validazzjoni (fowkus fuq l-okkupazzjonijiet kollha jew fuq okkupazzjonijiet speċifiċi), u l-gruppi fil-mira tal-validazzjoni (iċ-ċittadini kollha jew gruppi fil-mira speċifiċi).

Abbażi tal-evidenza disponibbli, l-ispejjeż sħaħ għal proċedura ta' validazzjoni li twassal għal kwalifika sħiħa jew parzjali jvarjaw minn EUR 800 sa EUR 1 800 skont il-pajjiż u t-tip u l-livell ta' kwalifika. L-investment fil-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali jwassal għall-iffrankar tal-ispejjeż fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali għall-individwi li se jiksbu kwalifika abbażi tat-tagħlim tagħhom minn tagħlim mhux formali u informali, mingħajr il-bżonn għal tkompliġa fl-edukazzjoni u/jew fit-taħriġ formali.

L-ispejjeż netti li jirriżultaw mill-validazzjoni għandhom jiġu peżati mal-benefiċċji tal-validazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt assumiet li fit-tliet għażliet il-benefiċċji totali tal-validazzjoni jkunu ħafna akbar mill-ispejjeż netti tal-validazzjoni fir-rigward ta', pereżempju, impjegabbiltà mtejba, prospetti mtejbmin ta' karriera, tlaqqiġ aħjar tal-ħiliet, aktar tkabbir ekonomiku u inklużjoni soċjali aħjar.

6. IT-TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

L-Għażla 2, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-validazzjoni, tidher li hi l-aktar għażla effettiva u effikaċi. L-Għażla 2 hija wkoll l-aktar konsistenti mal-għanijiet politiċi tal-UE u għandha l-aktar impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi.

Bl-Għażla 1, huwa mistenni li s-sitwazzjoni attwali tal-validazzjoni se tinbidel biss bil-mod u dan jimplika li d-disponibbiltà u l-użu limitati tal-validazzjoni tal-esperjenzi tat-tagħlim mhux formali u informali, kif ukoll in-nuqqas ta' approċċ li jista' jitqabbal u koerenti fir-rigward tal-validazzjoni madwar l-Ewropa, se jkomplu jipersistu.

L-Għażla 3 (MMK ġdid) hija mistennija li twassal għal titjib meta mqabbla max-xenarju ta' referenza fir-rigward tal-effettività, l-effikaċja u l-koerenza tal-impatt mal-għanijiet politiċi

usa' tal-UE. Madankollu t-twaqqif ta' MMK ġdid joħloq strutturi addizzjonali u mekkaniżmi ta' rappurtar addizzjonali, li jżidu l-piż u l-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri. Barra minn hekk, minħabba d-dipendenza esklussiva fuq il-metodu MMK hemm aktar inċertezza fir-rigward tal-azzjoni konkreta meħuda mill-Istati Membri u fl-Istati Membri, kif ukoll fir-rigward tal-qafas taż-żmien ta' tali miżuri.

Barra mill-impatti, l-effettività, l-effikaċja u l-koerenza mal-għanijiet politiċi tal-UE, il-benefiċċji prinċipali tal-Għażla 2 huma:

- Din se tindirizza l-“lakuna fil-validazzjoni” li teżisti attwalment fl-istrumenti u l-għodod Ewropej disponibbli, bħall-QEK, il-Europass u s-sistemi ta' krediti. Din se tindirizza b'mod partikolari l-ħolqa nieqsa fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, li jipprevedi l-promozzjoni tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, iżda li ma jipprovdi għidja dwar l-implimentazzjoni tiegħu;
- Din tipproponi miżuri prattiċi u konkreti għall-implimentazzjoni tal-validazzjoni fl-Istati Membri;
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, bħala strument legali, turi l-impenn tal-Istati Membri lejn il-miżuri indikati, li l-maġġornaza tagħhom jirrikjedu implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u adattament għall-kuntest nazzjonali;
- Din tinvolvi b'mod ċar lill-partijiet interessati rilevanti (il-partijiet interessati fis-suq tax-xogħol, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh/voluntarji, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ) fl-iżvilupp tas-sistemi ta' validazzjoni;
- L-Istati Membri se jkomplu jikkooperaw fl-istrutturi eżistenti tal-MMK, partikolarment fil-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK, li jirrappreżenta struttura ta' implimentazzjoni aktar sempliċi minn dik prevista fl-Għażla 3;
- Din se tiffirma bażi politika ġdida u aktar soda għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

7. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

Bħala parti mill-inizjattiva, il-monitoraġġ se jsir abbażi tal-użu tal-għodod eżistenti. Dan se jillimita l-ispejjeż tal-monitoraġġ, kif ukoll il-piż amministrattiv għall-Istati Membri.

L-Inventarju Ewropew dwar il-Validazzjoni, taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u tas-Cedefop, se jkompli jiġi kkonsolidat u mtejjeb fid-dawl tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill mill-Istati Membri.

Ir-rapport annwali tas-Cedefop dwar l-iżvilupp tal-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki fl-Ewropa se jintuża biex jivvaluta l-progress milħuq mill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali bħala mezz biex tinkiseb kwalifika.

L-Istati Membri se jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom tar-Rakkomandazzjoni permezz tar-rapporti nazzjonali dwar il-progress diġà ppjanati fil-kuntest tal-Qafas Strateġiku tal-2020 dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ (is-sena ta' rappurtar li jmiss: 2014).

Fl-aħħar nett, l-inizjattiva tipprevedi t-tisħiħ tat-tagħlim bejn il-pari, bl-involviment tal-atturi governattivi u l-partijiet interessati, b'fowkus fuq l-iskambju tal-esperjenzi u d-dimostrazzjonijiet ta' prattiki tajba. Minħabba r-rabta mill-qrib bejn l-inizjattiva u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-Grupp Konsultattiv dwar il-QEK huwa l-aktar korp adattat għal dawk l-attivitajiet.

Evalwazzjoni esterna tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni hija maħsuba li ssir sa erba' snin wara l-adozzjoni tagħha.